**12 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmel Cassar Parnis

**Truffa — Approprjazzjoni Indebita.**

*Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruħu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oġġett li minnu jsir profitt indebitu jiġi ottenut bħala riżultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-oħra dak il-pussess ikun ġie konsegwit mill-konsenjatarju leġittimament, ċjoè mingħajr ingann. Fit-truffa l-liġi riedet timpedixxi l-inganni għat-trasferiment ta' oġġett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-liġi riedet tevita li min ikollu leġittimament ħaġa ta' ħadd eħor ma jabbużax mill-fiduċja lilu mogħtija u jiddisponi minnha bħala tiegħu.*

*Għalkemm minħabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-liġi anqas gravi mit-truffa, iż-żewġ reati għandhom bħala karatteristika prinċipali l-leżjoni tad-dritt tal-proprjetà, jew dritt ieħor reali, mingħajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn ta'volta magħrufa fid-dottrina bħala "furto improprio".*

*Minħabba din l-affinità ġuridika u naturali taż-żewġ reati, jekk l-imputat ġie kundannat bħala ħati ta' approprjazzjoni ndebita, u f'appell li jagħmel mis-sentenza jsostni li l-fatti jikkostitwixxu truffa, jekk qatt, u mhux approprjazzjoni ndebita, il-Qorti tal-Appell ma tistgħax tilliberа l-imputat, ankorkè kellha tkun tal-opinjoni illi l-pussess tal-flus ġie mill-imputat ottenut per mezz ta' ngann taħt forma ta' pretest li jadoperahom skond ix-xewqa ta' min fdahomlu f'idejgħ.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni magħmula kontra Carmel Cassar Parnis (1) illi l-Hamrun u bnadijiet oħra approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalieh jew għal ħadd

ieħor, mis-somma ta' £120 li kienu ġew fdati jew konsenjati lilu minn Aurelio, Maria u Antonia, Teresa, Alfredo u Lorenzo Ebejer, u Giovanni Bonnici, taħt titolu li jġib miegħu l-obligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir minnhom użu speċifikat, (2) u illi f'Ħal Qormi, b'mezzi kontra l-liġi, billi għamel użu minn kwalifiki foloz jew inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra biex iġiegħel tittwemmen l-eżistenza ta' intrapriża falza jew ta' krediti immaġinarji, għamel qliegħ ta' £42 a dannu ta' Francesca Vella, Grazja Bigeni u Caterina Bigeni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-22 ta' Ottubru 1959, li biha l-appellanti ġie misjub ħati (1) ta' approprjazzjoni ndebita ta' £15 a dannu kull wieħed ta' Aurelio Bonnici, Maria Bonnici, Antonia Bonnici, Antonia Ebejer, Teresa Ebejer, Alfred Ebejer, Lorenzo Ebejer, u Giovanni Bonnici; (2) ta' approprjazzjoni ndebita ta' £42 a dannu ta' Francesca Vella, Grazia Bigeni u Caterina Bigeni; u ġie kundannat għal disgħa xhur priġunerija;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Cassar Parnis appella mill-istess sentenza u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Irriżulta li, fuq twebbil tal-appellanti, il-persuni ndikati fis-sentenza appellata kkonsenjawlu bejn Novembru u Jannar tal-1958, is-somma ta' flus hemm imsemmija biex huwa jimpjegahom f'riċerki u spejjeż ħalli huma jkunu jistgħu jipparteċipaw mill-wirt ta' wieħed Vincenzo Garcia li, skond ma qallhom l-appellanti, kellu eredità ta' £90.000,000;

Billi ttendew li l-appellanti kien qiegħed jillużingahom, huma f'April, u x'uħud f'Novembru, 1959, irrikorrew per mezz tal-avukat tagħhom għand il-Pulizija. L-appellant allura wiegħed li jagħtihom il-flus lura, iżda, nonostanti li għadda ż-żmien, ma rrestitwiex ħlief £15 bejniethom lill-persuni ġa ndikati fl-ewwel lok;

L-appellanti ssottometta illi l-flus ġew lilu konsenjati għal drittijiet u spejjeż għal xogħol professjonali tiegħu. Iżda l-provi juru li l-proprjetà tal-flus ma ġietx trasferita lill-appellanti, u li l-flus ġew fdati lilu bl-inkarigu speċifiku li hu jimpjegahom f'riċerki u spejjeż hawn Malta u fi Spanja in konnessjoni mal-wirt fuq imsemmi;

L-appellanti ssottometta wkoll illi r-reati talvolta minnu kommessi jikkostitwixxu, jekk qatt, truffa, u mhux approprjazzjoni ndebita kif sabet l-Ewwel Qorti, u li konsegwentement huwa għandu jiġi minn din il-Qorti liberat;

Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruħu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni ndebita in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oġġetti li minnu jsir profitt indebitu jiġi ottenut bħala riżultat ta' ngann adoperat mill-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-oħra dak il-pussess ikun ġie konsegwit mill-konsenjatarju leġittimament, ċjoè mingħajr ingann. Fit-truffa l-liġi riedet timpedixxi l-inganni għat-trasferiment ta' oġġett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-liġi riedet tevita li min ikollu leġittimament f'idejh ħaġa ta' ħadd ieħor ma jabbużax mill-fiduċja lilu mogħtija u jiddisponi minnha bħala tiegħu;

Għalkemm, imħabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-liġi anqas gravi mit-truffa, iż-żewġ reati għandhom bħala karatteristika prinċipali leżjoni tad-dritt tal-proprjetà jew dritt reali ieħor mingħajr il-vjolazzjoni tal-pussess, u huma t-tnejn talvolta magħrufa fid-dottrina bħala "furto improprio";

Minħabba f'din l-affinità ġuridika u naturali taż-żewġ reati, jekk l-appellant ikkonverta fi profitt tiegħu l-flus fdati lilu għall-impjeg determinat billi approprja ruħu minnhom, din il-Qorti ma tistax tilliberah, ankorkè kellha tkun tal-opinjoni illi l-pussess tal-flus ġie minnu ottenut per mezz ta' ngann taħt forma ta' pretest li jadoperahom skond ix-xewqa ta' min fdahomlu f'idejh;

Fil-fatt, in-nuqqas tal-appellant li jiġġustifika kif impjega l-flus, il-promessa u n-nuqqas tiegħu li jirrestitwihom,

ħlief għall-ammont ta' £15, iwasslu inevitabbilment għall-konklużjoni li huwa kkonverta l-ammonti fdati lilu, barra dak ta' *£15 rigward l-ewwel imputazzjoni, fi profitt tiegħu* bi ħsara tal-proprjetarji;

Għalhekk;

Tikkonferma s-sentenza appellata ħlief in kwantu għall-ammont kif stabbilit fl-istess sentenza rigward l-ewwel *imputazzjoni*, tiddikjara li l-istess ammont għandu jonqos bi £15, u konsegwentement tirriduċi l-piena għal dik ta' priġunerija għal tmien xhur u għaxar tijiem.

## TMIEM TAL-VOLUM XLIII